



# Ġabra ta' xi Laqmijiet Żebbuġin

## Daħla minn Philip Balzan

Matul is-sena 2006 is-Sur Salvu Gatt għaddieli lista ta' laqmijiet ta' nies Żebbuġin li hu kien jaf. Dawn kien ħarbixhom meta għamel xi jiem f'qieħ ta' sodda ma jiflaħx. Kien ilu s-snin li wegħedni li jagħtihomli biex jidhru fil-ktieb tal-festa. Kellu jiġri li meta tagħhomli, fl-2006, ma kienx baqa' wisa' fl-edizzjoni tal-ktieb ta' dik is-sena u għalhekk ħallejthom għas-sena ta' wara. Ġara wkoll illi f'Ottubru 2006, fil-ktieb "Ħaż-Żebbuġ: Storja, Memorja u Identità" mitbugħ mill-Kunsill Lokali, dehret lista ta' xi laqmijiet Żebbuġin miġburin minn Mary Agius.

Meta rajtu ħsibt li ma kienx baqa' lok illi nġib il-lista ta' Gatt. Iżda meta qabbilt iż-żewġ listi u sibt li kien hemm għadd mhux żgħir ta' laqmijiet li kienu f'waħda imma mhux fl-oħra, bdilt il-ħsieb u ddeċidejt li kien aħjar li nġib lista sħiħa mibnija miż-żewġ listi magħqudin f'waħda, f'ordni alfabetika.

B'hekk għandna lista akbar li tagħmilha aktar faċli għal min irid jużaha. Fil-lista ta' hawn taħt il-madwar 280 laqam li żdiedu jidhru b'tipa ħoxna.

Il-kontributi ta' Gatt u ta' Agius huma t-tnejn sinifikanti. Jidher illi ż-żewġ listi ġew kompilati indipendentement minn xulxin, bl-entużjażmu ta' nies li jħobbu l-kultura ta' raħalna. Nirrikonoxxu dan il-kontribut u nirringrazjawhom. Biż-żewġ listi magħqudin għandna ġabra akbar u aħjar iżda ma jfissirx li hija sħieħa. Nista' nobsor li jonqosha.

Il-laqmijiet kienu jaqdu ħtieġa soċjali – dik ta' identifikazzjoni ta' malajr. F'bosta rħula għadhom iservu għalhekk għax baqgħu jintużaw b'mod mifrux. Hekk ukoll ġara fl-agrikultura lokali. Il-parti l-kbira ħafna mil-laqmijiet jidentifikaw razza jew almenu familja. Iżda jeżistu wkoll ftit li jappartjenu għal individwi. Ta' l-ewwel ikunu magħrufin mill-kotra u allura huma aktar utli u għandhom ħajja twila. Tat-tieni jkunu jafuhom ċirku żgħir ta' qraba u ħbieb ta' l-individwu, għandhom użu limitat u aktarx imutu malajr għax rari jintirtu.

Hemm aktar minn tip wieħed ta' laqam – skond b'liema skop ikun inħoloq. Il-biċċa l-kbira kellhom skop ta' identifikazzjoni biss u ġieli kien jieħu post l-isem uffiċjali. Dan kien jiġri l-aktar fir-raħal jew qalb il-komunita fejn jgħix l-individwu. Hemm min jaħseb li din setgħet kienet forma ta' reżiżtenza lill-awtoritajiet – l-aktar jekk dawn kienu ħakkiema barranin.

Iżda uħud mil-laqmijiet jista' jkun li bdew bi ħsieb ta' sarkażmu, żufjett jew saħansitra żeblieħ waqt li oħrajn għall-kuntrarju, biex jagħtu ġieħ. Maż-żmien meta l-laqam jindera, aktarx li kien jitlef ħafna mill-effett ta' foħrija jew ta' tmaqdir li kellu fil-bidu u jiġi aċċettat mill-familja li tkun bdiet iġġorru trid jew ma tridx. Wara kollox li jkollok laqam kienet tfisser li inti magħruf u aċċettat mill-komunita li tgħix fiha.

Għal xi żmien fis-sistema edukattiva tmexxiet l-idea illi l-laqam kien xi ħaġa mhix dinjituża u allura beda jkun mistmerr minn min kellu ftit aktar skola minn ħaddieħor. Tgħid kienet forma sottili ta' klassismu ("jien aħjar minnek għax ma nużax il-laqam") ? L-istess kien ġralhom d-djaletti li wara li għal żmien twil kienu mwarrba, issa għandna studjuża tal-Malti li qed jinkoraġġuna li nitkellmuhom għax huma parti mill-identità tagħna.

Id-drawwa tal-laqam insibuha wkoll f'pajjiżi oħra. Hawn ukoll bħal f'Malta, il-laqam huwa xi ħaġa distinta minn titlu, *nome-de-plume* jew isem artistiku (bħalma jħobbu jagħżlu għalihom xi kantanti jew atturi). Hemm każi fejn il-laqam inbidel f'kunjom – u b'konsegwenza xi familji wirtu kunjomijiet dispreġġattivi. Fi Franza biex jirremedjaw għal din is-sitwazzjoni kienu waslu għamlu liġi li tippermetti lil min jibdel kunjomi jekk kien jidhirlu li kellu kunjom li jbaxxih, jimbarazzaħ jew iġiblu żeblieħ.

Niġi lura għal-lista tagħna. Ngħidha kif inhi: huwa diffiċli ħafna jekk mhux impossibbli li lista bħal din tkun kompluta għal kollox. Laqmijiet jitwieldu u oħrajn imutu. Biex noqorbu lejn lista sħiħa irid ikun hemm il-kontribut ta' aktar nies illi meta jindunaw li huma jafu b'xi laqmijiet oħra li mhumiex fil-lista, javżawna bihom ħalli naġġornaw din il-lista.

## Ġabra alfabetika ta' laqmijiet ibbażata fuq xogħlijiet ta' Salvu Gatt u Mary Agius

**Laqam / Varjazzjoni**

| | | |
|---|---|---|
| **A** | Ta' l- | **Abbati** |
| | Ta' | **Abiel** |
| | Ta' l- | Abjad |
| | Ta' l- | Aħmar |
| | Ta' l- | Alfarun |
| | Ta' l- | Amante |
| | Ta' l- | Ammorin |
| | Ta' l- | **Arbi** |
| | Ta' l- | Arċipriet |
| | Ta' l- | Arena |
| | Ta' l- | Argunest |
| | Ta' l- | **Ariebel** |
| | Ta' l- | **Armal** |
| | Ta' l- | Armanot |
| | Ta' l- | Artista |
| | Ta' | **Attuqa** |
| | Ta' l- | Awġja |
| | Ta' l- | **Awċija** |
| | Ta' l- | **Awri** |
| | Ta' l- | **Awrura** |
| | Ta' l- | Azzarin |
| **B** | Tal- | Babaw |
| | Ta' l- | **Babus** |
| | Tal- | Bagalji |
| | Tal- | Baħri |
| | Tal- | Baħu |
| | Tal- | Bajan |
| | Ta' | Bajdu |
| | Tal- | Bajla |
| | Tal- | Bajtra |
| | Ta' | Bakkarat |
| | Tal- | Bali |
| | Ta' | Baliel |
| | Tal- | Balla |
| | Tal- | Ballun |
| | Tal- | Balula |
| | Tal- | Balzuni |
| | Tal- | Bambin |
| | Tal- | Bambinu |
| | Tal- | Banana |
| | Ta' | Bandulla |
| | Tal- | Banni |
| | Tal- | Barżak |
| | Tal- | Barbaġann |
| | Tal- | Barrieri |
| | Tal- | Baruni |
| | Tal- | Bassa |
| | Tal- | Bassas |
| | Ta' | Bażża l-art |
| | Tal- | Bażżu |
| | Tal- | Bażott |
| | Tal- | Beċċ |
| | Ta' | Beġġeġ |
| | Tal- | Bejli / Bailey |
| | Tal- | Belek |
| | Ta' l- | **Belt** |
| | Ta' | Bendu |
| | Ta' | **Benjamin** |
| | Tal- | Beqqija / Beqqi |
| | Ta' | Beqquna |
| | Ta' | Bergħuda |
| | Ta' | Berrika / Berrek |
| | Tal- | Berru |
| | Ta' | Bettejilli / Battejilli |
| | Ta' l- | **Bezġuna** |
| | Ta' | Beżżagħna |
| | Ta' | Bezzuna |
| | Tal- | Bibillu |
| | Ta' | **Biċċa ċuċ** |
| | Tal- | Bieżel |
| | Tal- | Bieb Imkisser |
| | Ta' l- | **Biġa** |
| | Ta' | Bigħhielha |
| | Tal- | Bilbel |
| | Tal- | Billiboj |
| | Tal- | Biżinikka |
| | Ta' | Bla Sinna |
| | Tal- | Blisit |
| | Tal- | Bloqq / Bloqqu |
| | Ta' | Bluta |
| | Tal- | Bobus |
| | Ta' l- | **Boġel / Buġel** |
| | Ta' l- | **Bomber** |
| | Ta' l- | **Bombos** |
| | Tal- | Bonċ |
| | Ta' | Bondin |

Ta’ **Bongailas**
Ta’ l- **Boqqa**
Tal- Boqri
Ta’ l- **Boqxa**
Tal- Bożin
Tal- Bramel
Ta’ Britta
Ta’ l- **Brons**
Ta’ Bubbu
Tal- Bubbu
Tal- Bubun
Tal- Buċċu
Tal- Budew
Tal- Buf
Tal- Buġanni
Ta’ Buġieni
Tal- Bullok
Tal- Bumblu / Bomblu
Ta’ l- **Bumbu**
Ta’ Buna
Tal- **Bunny**
Ta’ l- **Bunu**
Ta’ Buqaru / Buquru
Ta’ Burżinu
Ta’ Burda
Ta’ **Burdin**
Tal- **Burdnar**
Ta’ Burma
Ta’ l- **Busa**
Ta’ l- **Busuf**
Ta’ l- **Buttar**
Tal- Butukifu
Tal- Buxa
Ta’ Bużanju
Tal- Bużu
Tal- Buz
Ta’ **Bwieraq**

**Ċ**

Taċ- Ċaċċis
Ta’ **Ċaċundu**
Iċ- **Ċagħaqi**
Taċ- Ċakkur
Taċ- Ċaku
Ta’ **Ċampalinu**
Taċ- **Ċanċuli**
Taċ- Ċanċulin / Ċenċulin
Taċ- Ċangur
Ta’ **Ċantar**
Ta’ Ċappisa
Ta’ Ċaqqu
Ta’ Ċaqquwa
Ta’ Ċaruta
Taċ- Ċatt
Taċ- Ċatur
Taċ- Ċawla
Ta’ Ċawsarju
Ta’ **Ċejlu**
Ta’ Ċekċek
Ta’ **Ċengerin**
Ta’ **Ċesarin**
Taċ- Chief / Ċif
Taċ- Ċhivers
Taċ- **Ċiċċ / Ċieċ**
Ta’ Ċiċċifenka
Ta’ Ċiċċinu / **Ċiċinu**
Taċ- **Ċiċċulin**
Taċ- Ċiċra
Taċ- Ċieċ
Taċ- Ċiequ
Taċ- Ċifot
Ta’ Ċikka
Ta’ Ċikkulutu
Ta’ Ċilia
Taċ- Ċilidru
Ta’ Ċilli
Taċ- **Ċillilu**
Ta’ Ċingi
Taċ- Ċinku
Ta’ Ċinkwini
Taċ- Ċipi
Ta’ **Ċippitura**
Taċ- Ċipress
Ta’ Ċirwilla
Taċ- Ċita
Tas- City
Ta’ **Ċmajra**
Taċ- **Ċmajs**
Taċ- Ċnus
Ta’ Ċong
Taċ- **Ċonti**
Ta’ Ċoqqa
Taċ- Ċoqqi
Taċ- Ċoqqu
Taċ- **Ċraret**
Ta’ Cuschieri

**D**

Ta’ **Daddi**
Tad- Daddi
Ta’ Daddu
Ta’ Dajdi
Tad- Dajnamo
Ta’ **Dalmas**
Ta’ Dante
Ta’ Datu
Ta’ Deguara
Ta’ **Dekdek**
Ta’ Derdell
Tad- Dgħajsa
Ta’ Dido
Tad- Dielja
Tad- Dive
Ta’ **Diżminu**
Ta’ **Dizudi**
Tad- **Djamant**
Ta’ **Djuni**
Tad- Donki
Ta’ **Dordel**
Ta’ **Dudi**
Ta’ Dudu
Ta’ Dulfina
Ta’ **Dulina**
Ta’ Dumink
Ta’ **Dun Tumas**
Ta’ Dura
Ta’ Durga
Tad- **Duwi**

**E**

Ta’ l- Erbat Elef
Ta’ Eva

**F**

Tal- Faħal
Tal- Faħam
Ta’ **Faħma**
Tal- Fajjenza

Ta’ **Fajju**
Ta’ Fanali
Tal- Faner
Tal- Fanu
Ta’ **Fanuli**
Ta’ Farċaħ
Tal- Farfett
Ta’ **Fargħa**
Ta’ Farsons
Tal- Faru
Ta’ Faruni
Tal- Fassu
Tal- Fast
Ta’ Fatma
Ta’ **Fatut**
Tal- Faxxinu
Ta’ Fażolu
Ta’ Fedrek
Il- Felli
Tal- Fellusa
Ta’ **Felu**
Tal- Fenek
Ta’ Fenka
Tal- Feqmi
Ta’ **Fidiel**
Ta’ Fidila
Tal- Fidog
Tal- Fikos
Ta’ Filippu
Ta’ Firra
Ta’ Firritu
Ta’ Fissa
Tal- Fixxa
Tal- Fjakk
Tal- Fjuri
Tal- Flaki
Tal- Fliqi
Tal- Flott
Tal- Fra
Tal- Fufa
Il- Fufru
Ta’ Fugina
Tal- Fula
Tal- Fulex
Ta’ Fulietu
Ta’ Fulistu
Tal- Furban
Ta’ **Furia**
Tal- Furjaniża
Il- Furkett
Tal- Furnar

**Ġ**

Ta’ **Ġabus**
Ta’ Ġaħġaħ
Ta’ Ġakbu
Ta’ Ġakk
Ta’ Ġakkinu
Ta’ **Ġakopp**
Ta’ Ġaninu / Ġannina
Tal- Ġarnus
Il- Ġbejna
Ta’ Ġebbieda / Ġebbed
Tal- **Ġebli**
Tal- Ġekkettier
Ta’ Ġenju
Tal- Ġenwiża
Tal- Ġermaniż (a)
Tal- **Ġeru**
Tal- **Ġewżi**
Tal- **Ġgant**
Tal- **Ġieġu**
Ta’ **Ġieni / Ġienu** / Ġenju
Ta’ **Ġiġa**
Ta’ Ġiżironi / Ġiżirani
Tal- **Ġiżwit**
Ta’ Ġilju Ġiljan
Ta’ **Ġir**
Il- Ġiraff
Tal- **Ġirbi**
Ta’ Ġlormu
Tal- Ġobon
Tal- Ġojjiet
Ta’ Ġuħina
Ta’ Ġumu
Tal- **Ġunta**
Tal- Ġurdien
Ta’ **Ġuwa**

**G**

Tal- Gaġeġ
Tal- Galdarun
Ta’ Gallina
Ta’ Gambin
Ta’ Gamillu
Il- Ganġatur
Ta’ Gandaretta
Ta’ Gandulla
Il- Gani
Ta’ **Ganunu**
Ta’ **Gawdenz**
Ta’ **Gawza**
Tal- Gażiż / Geżież
Ta’ **Geddumu**
Tal- Gejges
Ta’ **Gejt** / Gajt
Tal- Gejxa
Ta’ **Genċ /** Genċu
Ta’ **Genċu**
Tal- **Gendus**
Ta’ Gerfex / Gerfxita
Ta’ Germuda
Tal- Gidi
Ta’ **Gidma**
Ta’ **Glorja**
Ta’ **Gori**
Ta’ **Grandu**
Tal- Granpun
Ta’ **Grezz is-sewda**
Tal- Griek
Ta’ **Grillu**
Ta’ **Gudjet**
Tal- **Guli**
Ta’ **Gulia**
Ta’ Guti
Ta’ **Guvni**

**Għ**

Ta’ Għadmija
Ta’ Għali
Ta’ Għammiel
Ta’ Għarbi
Ta’ Għatru
Ta’ Għawdxija
Ta’ Għażli
Ta’ Għudu / Għewdu

**Ħ**
Ta’ Ħabbata / Ħabbuta
Tal- **Ħabib**
Ta’ Ħabla Ċikk
Tal- **Ħabsi**
Tal- Ħaddied
Ta’ **Ħaffer**
Tal- Ħajbu
Il- Ħajġ
Tal- Ħajta
Tal- **Ħali**
Tal- Ħalib
Ta’ **Ħalli f’rusi**
Il- Ħamija
Tal- Ħamra
Tal- Ħanżira
Ta’ Ħanfura
Tal- Ħanina
Tal- Ħanxarin(a)
Ta’ **Ħarbat**
Tal- Ħares
Tal- Ħaruf
Ta’ Ħasana
Tal- Ħasi
Tal- **Ħassa**
Tal- Ħassu
Ta’ **Ħasun**
Tal- Ħatra
Tal- **Ħawħa**
Tal- **Ħawli**
Tal- **Ħawtiel**
Tal- Ħaxixu
Tal- Ħelwa
Ta’ **Ħija Kol**
Tal- Ħixxu

**I**
Ta’ l- Ilma Żahar
Ta’ l- Imġarr
Ta’ l- Imgħażob
Ta’ l- **Imgħaxxex**
Ta’ l- **Imgħobbi**
Ta’ l- **Imkisser**
Ta’ l- Imqarqaċ
Ta’ Imqarruna
Ta’ l- Inbid
Ta’ Indri
Ta’ l- Ingliż
Ta’ Inninni
Ta’ l- **Innoċenz**
Ta’ l- **Intelza**
Ta’ l- **Isqof**
Ta’ l- Iswed
Ta’ Ittirittu

**J**
Tal- Jes
Tal- Joker
Ta’ JR

**K**
Tal- Kaċċatur
Tal- Kagħkur
Tal- Kakku
Ta’ **Kaksi**
Ta’ Kalċ
Ta’ Kalabardi
Ta’ **Kalabusi**
Ta’ **Kaldarun / Kardarun**
Ta’ Kallu
Ta’ **Kallus**
Ta’ Kampuna
Tal- Kamu
Ta’ **Kanġatur**
Tal- Kanni
Ta’ Kanniżju
Ta’ Kanusu
Tal- Kappillan
Ta’ Kapri
Ta’ Kaputa
Ta’ Karatu
Tal- Karawettu
Ta’ Kardona
Ta’ Karpju
Ta’ **Karpzu**
Tal- Kartabus
Ta’ **Kascun / Kaskun**
Ta’ Katambu / **Katanbu**
Tal- Kaxxa
Ta’ Kebbes
Ta’ **Keċċa l-ommu**
Ta’ Kejli
Tal- Kejlija
Ta’ Kelinu
Tal- Kelisi / **Kelies**
Tal- Kerrejja
Tal- Kexxettier
Ta’ Kiċċieda / **Kuċċieda**
Ta’ Kiela
Tal- Kiesaħ
Tal- Kikki / **Kikka**
Tal- Kikkra
Tal- Kina
Tal- King
Ta’ Kingswell
Tal- Kinnie
Tal- Kitta
Tal- Koks
Tal- Koku
Tal- **Kolonni**
Tal- Komdu
Tal- Konti
Tal- Koppi
Ta’ Koskos
Ta’ Koxxa
Ta’ Kristufnu
Tal- Kuku
Ta’ Kun Imfaħħar
Ta’ **Kusufier**
Ta’ Kunsulut
Tal- Kunzuwa
Ta’ Kure / **Kore**
Ta’ Kurubin
Ta’ **Kustanz**
Tal- Kwejsu

**L**
Ta’ **Laċċman**
Tal- Labra / **Labru**
Ta’ Lagħabhom
Ta’ Laħlaħ
Tal- Lajfija
Tal- Lajku
Tal- Lajs / Lajsa
Tal- Lanċa
Tal- Landier

| | | |
|---|---|---|
| | Tal- | Lapiru |
| | Ta’ | Larmanot |
| | Tal- | Larunġu |
| | Tal- | Latru / **Lattru** |
| | Tal- | **Lavakka** |
| | Ta’ | **Lazzru** |
| | Tal- | Lekkuku |
| | Ta’ | Leqqet |
| | Ta’ | Leroj |
| | Tal- | Lewżija / **Lewżu** |
| | Ta’ | Lewtu / **Lewdu** |
| | Ta’ | Liberut |
| | Tal- | **Lilel** |
| | Tal- | Limbu |
| | Ta’ | Linfaċċ |
| | Tal- | Liru / Lieru |
| | Ta’ | Lixandrin |
| | Tal- | Lixxa |
| | Ta’ | **Liża** |
| | Ta’ | Ljone |
| | Tal- | Lofti |
| | Tal- | Logri |
| | Ta’ | Lonz |
| | Tal- | **Loqma** |
| | Tal- | **Lottu** |
| | Tal- | Lożi |
| | Tal- | **Luċens** |
| | Tal- | **Lullu** |
| | Tal- | Luminata |
| | Tal- | **Lunu** |
| | Tal- | **Lunzjat** |
| | Ta’ | Luret tal-mogħoż |
| | Tal- | Lussu |
| | Ta’ | **Lużat /** Liżard |
| | Ta’ | Lużur |
| **M** | Tal- | Maċiċa / **Maġiġ** |
| | Tal- | Maġiċ |
| | Ta’ | Magħżula |
| | Tal- | Majjistra |
| | Ta’ | Majru |
| | Ta’ | Majs |
| | Ta’ | Majsi / Majsi tar-roti |
| | Tal- | Makak |
| | Ta’ | Maksar |
| | Tal- | Mambar |
| | Tal- | **Manċ** |
| | Tal- | **Mandolin** |
| | Tal- | **Mans** |
| | Ta’ | Marċell |
| | Ta’ | Marċoqqa |
| | Ta’ | Maresko |
| | Ta’ | **Mari ż-żgħira** |
| | Ta’ | Marikarm |
| | Ta’ | Mariroż |
| | Tal- | Marker |
| | Tal- | Markiż |
| | Tal- | **Marmara** |
| | Ta’ | **Marnaġġa** |
| | Ta’ | Marozz |
| | Ta’ | **Marsaxlokk** |
| | Ta’ | Martin |
| | Ta’ | Masu |
| | Tal- | Matarazz |
| | Ta’ | Matildi |
| | Ta’ | Matti |
| | Tal- | Maws |
| | Tal- | Maxlakk(a) |
| | Tal- | Maxrum |
| | Ta’ | Maxxutu |
| | Ta’ | Mażżu |
| | Tal- | Melħa |
| | Tal- | Melliħija |
| | Tal- | **Menġeq** |
| | Ta’ | Menqa |
| | Tal- | **Mesmerun** |
| | Tal- | **Mestek** |
| | Ta’ | Mexmex |
| | Tal- | Midland |
| | Ta’ | Mija |
| | Tal- | Mina |
| | Tal- | Mislem |
| | Tal- | **Misrum** |
| | Ta’ | Mnieħru |
| | Ta’ | Moħriet |
| | Tal- | Mogħdi / **Modi** |
| | Tal- | Mogħdija |
| | Tal- | Moqrus |
| | Tal- | Muċċu |
| | Ta’ | **Mugrin** |
| | Tal- | Mugru |
| | Tal- | Mummu |
| | Tal- | **Mumur** |
| | Ta’ | **Mundu** |
| | Tal- | Munfuħa |
| | Tal- | Muni |
| | Tal- | Murisa |
| | Tal- | Mustija |
| | Tal- | **Mutu** |
| | Tal- | Mużew |
| **N** | Tan- | Nabbu |
| | Tan- | Najbek |
| | Tan- | Nann |
| | Tan- | Nanna |
| | Tan- | **Nannabus** |
| | Tan- | Nanniet |
| | Ta’ | **Naqqarula** |
| | Ta’ | Naqqax |
| | Tan- | Naqra |
| | Tan- | Naqriet |
| | Ta’ | Naqrita |
| | Tan- | Nar |
| | Ta’ | Nard |
| | Ta’ | Natul |
| | Tan- | Nawsu |
| | Ta’ | Nawwar |
| | Tan- | Naxxuri |
| | Ta’ | Ndjuni |
| | Tan- | Nejna |
| | Tan- | Nekejjek |
| | Ta’ | Nekus |
| | Tan- | Nemlu |
| | Ta’ | Nemusa |
| | Tan- | **Nennes** |
| | Ta’ | Neqneq |
| | Ta’ | **Newsa** |
| | Tan- | Niċċu |
| | Tan- | Ninnu |
| | Tan- | Nobbru |
| | Ta’ | Nofsens |
| | Tan- | Noj |
| | Tan- | **Noll** |
| | Tan- | Noni / Nonija |

| | | |
|---|---|---|
| | Ta’ | Nuħħala |
| | Ta’ | **Nukex** |
| | Tan- | Nuża |
| | | |
| **O** | L- | Ors |
| | | |
| **P** | Ta’ | Paċikk |
| | Ta’ | **Paċikk** |
| | Ta’ | **Padi** |
| | Tal- | Pajju |
| | Tal- | Pajsu |
| | Ta’ | Palales |
| | Tal- | Papa |
| | Ta’ | Pappawiġ |
| | Ta’ | **Paradajs / Paradisi** |
| | Ta’ | **Paranku** |
| | Ta’ | Parsuttu |
| | Tal- | Pasti |
| | Ta’ | Patakku |
| | Ta’ | Patakku |
| | Ta’ | **Pataw** |
| | Ta’ | Patist / Petest |
| | Tal- | Patla |
| | Ta’ | Patpitu |
| | Tal- | Patri |
| | Tal- | Patrun |
| | Ta’ | Patuna |
| | Ta’ | **Patuna** |
| | Ta’ | Patuta |
| | Ta’ | **Pawla** |
| | Tal- | Paxxulin |
| | Tal- | Peħ |
| | Tal- | Pejxa |
| | Tal- | Pekinder |
| | Ta’ | Pele |
| | Ta’ | Penza |
| | Ta’ | Perċinobis |
| | Ta’ | **Perelli** |
| | Ta’ | **Periklu** |
| | Ta’ | Pesina |
| | Ta’ | Pesperellu |
| | Ta’ | Pesperellu |
| | Ta’ | **Pespes** |
| | Tal- | Pespus |
| | Ta’ | **Peswella** |
| | Ta’ | Petiti |
| | Tal- | Pexx |
| | Tal- | Pezu |
| | Tal- | Pezz |
| | Tal- | Pilastru |
| | Ta’ | Pillipaj |
| | Ta’ | **Pillitru** |
| | Ta’ | Pinellu |
| | Tal- | **Pinnuni** |
| | Ta’ | **Pinożi** |
| | Ta’ | Pinokkju |
| | Ta’ | **Pipa** |
| | Tal- | Pipru |
| | Ta’ | Piskjanu |
| | Tal- | Piskupija |
| | Ta’ | Pissiperla |
| | Tal- | **Piti** |
| | Ta’ | Pitiel |
| | Ta’ | Pittu |
| | Ta’ | **Pitutu** |
| | Ta’ | **Piżatur** |
| | Ta’ | Piżella |
| | Tal- | **Pizu** |
| | Tal- | Plajs |
| | Tal- | Plattu |
| | Tal- | Plentija |
| | Tal- | Pomp |
| | Tal- | Prim |
| | Ta’ | Psiepsu |
| | Ta’ | Pudil |
| | Ta’ | Pudina |
| | Ta’ | **Pullupie** |
| | Ta’ | **Pum** |
| | Tal- | Puni |
| | Tal- | Punis |
| | Tal- | **Pura** |
| | Ta’ | **Pusi** |
| | Ta’ | **Pusunu** |
| | Tal- | **Putri** |
| | Tal- | Putrulju |
| | Ta’ | **Putruzzu** |
| | Tal- | Puzzu |
| | Ta’ | Puzzulutu |
| **Q** | Tal- | Qaddis(a) |
| | Ta’ | **Qajżu** |
| | Tal- | Qajjuna |
| | Ta’ | Qali / Qeli |
| | Ta’ | Qallalu |
| | Tal- | Qamar |
| | Tal- | **Qanfud** |
| | Tal- | Qasba |
| | Ta’ | Qastna |
| | Tal- | **Qattus** |
| | Tal- | Qbejla |
| | Ta’ | Qelza |
| | Ta’ | Qerċem |
| | Ta’ | **Qerrieda** |
| | Tal- | Qinċa |
| | Tal- | Qrieq |
| | Ta’ | Qrusa |
| | Tal- | Qulla |
| | Tal- | **Qunda** |
| | Tal- | Qurmija |
| | Ta’ | Qużmun |
| | Tal- | Qużu / Quż |
| | Tal- | Qwieleb |
| | | |
| **R** | Tar- | **Rabti** |
| | Tar- | Raddiena |
| | Ta’ | **Rafel** |
| | Tar- | Rajsu |
| | Tar- | **Rambuba** |
| | Tar- | Rambubita |
| | Tar- | Rampil |
| | Ta’ | Randa / **Randu / Randi** |
| | Ta’ | Ras il-Bagħal |
| | Ta’ | Rasoj / **Rasaj** |
| | Ta’ | Ratinu |
| | Tar- | Re |
| | Ta’ | Refiel |
| | Ta’ | Reġin |
| | Tar- | **Remelis** |
| | Tar- | **Rieġnu** |
| | Tar- | **Rieqed** |
| | Tar- | Riper |
| | Ta’ | **Rokku** |
| | Ta’ | Romblu |

| | | |
|---|---|---|
| | Tar- | Romi |
| | Tar- | Rum |
| | Tar- | Rumiċella |
| | Ta' | Rużann / Rożann |
| S | Tas- | Saħħar |
| | Ta' | Sabaħuna |
| | Tas- | Sakristan |
| | Ta' | Saliba |
| | Tas- | **Salvaġġ** |
| | Ta' | San Ġużepp |
| | Ta' | San Pawl |
| | Ta' | Santu |
| | Ta' | Santur |
| | Ta' | Sapuna |
| | Ta' | **Sardina** |
| | Tas- | **Sej** |
| | Tas- | Serduq |
| | Tas- | Serkin |
| | Tas- | Sesu |
| | Ta' | Sewda |
| | Ta' | **Sfimdi** |
| | Ta' | **Sfinġi** |
| | Ta' | Sħuna |
| | Tas- | Siġar |
| | Tas- | **Siġep** |
| | Tas- | Sieħeb |
| | Tas- | Siegħ |
| | Ta' | Siequ Tibna |
| | Ta' | **Siequ Tibna** |
| | Tas- | Sigarr / Sigarri |
| | Tas- | Sigret |
| | Ta' | Sijeb |
| | Ta' | Sika |
| | Tas- | Sikspens |
| | Tas- | **Sikutin** |
| | Ta' | **Sillatu** |
| | Tas- | Sillu |
| | Tas- | Simbel |
| | Ta' | Simillu |
| | Tas- | Sinjur |
| | Ta' | Sinjura |
| | Tas- | Sisi |
| | Ta' l- | Iskarpan |
| | Ta' | Skeleċċ |
| | Ta' | Skud |
| | Ta' | Skutu / Skuta / **Skuti** |
| | Ta' | **Slaċes** |
| | Ta' | Slika |
| | Tas- | **Sold u nofs** |
| | Ta' | Sormu |
| | Ta' l- | **iSkoċċ** |
| | Ta' l- | S.Klabb |
| | Ta' l- | Ispakku |
| | Ta' l- | **iSpakxin /** Ispakxen |
| | Ta' l- | Ispettur |
| | Ta' | Spider |
| | Ta' | Spika |
| | Ta' l- | **iSpiker** |
| | Ta' | **Spuka** |
| | Ta' l- | **iSpus** |
| | Ta' l- | iStuwed |
| | Ta' | **Stella** |
| | Tas- | Subani |
| | Ta' | Sufu |
| | Ta' | **Sullutuwa** |
| | Tas- | Super |
| | Tas- | **Suppu** |
| | Ta' | Surmast |
| | Tas- | **Susu** |
| | Ta' l- | **iSpus** |
| | Ta' l- | Istilla |
| T | Tat- | Tabakku |
| | It- | **Tabib tal-Fniek** |
| | Ta' | **Taċċa** |
| | Ta' | Tajfu |
| | Tat- | Tajjeb |
| | Tat- | Takku / Takkuwa |
| | Ta' | Taljana |
| | Ta' | Tanti |
| | Ta' | Taptap |
| | Tat- | Tazzi |
| | Tat- | Te' |
| | Tat- | Telgħa / Talgħa |
| | Ta' | Temprinu |
| | Tat- | Temtumi |
| | Ta' | Tereż ta' Ġakbu |
| | Tat- | Termija |
| | Ta' | Terreni |
| | Tat- | Tetu |
| | Tat- | **Tewmija** |
| | Ta' | Tewmita |
| | Tat- | Tiċċa |
| | Tat- | Tiguna |
| | Tat- | Tikka |
| | Tat- | Titi |
| | Tat- | **Titot** |
| | Tat- | Tixxu |
| | Tat- | Tjur |
| | Ta' | Tlequlu / Telaqulu |
| | Tat- | Tobi |
| | Ta' | Tomloj |
| | Tat- | Ton |
| | Tat- | Toqbi / Toqbija |
| | Tat- | Torċa |
| | Ta' | Traġedja |
| | Tat- | **Trajbu** |
| | Tat- | Trajnek |
| | Tat- | Trajnek |
| | Tat- | Trenta |
| | Ta' | Trub |
| | Ta' | Truna |
| | Tat- | **Trup** |
| | Tat- | **Tuba** |
| | Tat- | Tuffieħa |
| | Tat- | **Tullu** |
| | Tat- | **Tumbla** |
| | Ta' | Tumpunu |
| | Tat- | Turi |
| | Tat- | Turment |
| | Tat- | Tuta |
| | Tat- | **Twajjeb** |
| | Tat- | **Twapet** |
| | Ta' | Twila |
| V | Ta' | Valent |
| | Ta' | **Vanġelist** |
| | Ta' | **Vanġiel** |
| | Tal- | Vapur |

| | | |
|---|---|---|
| | Ta’ | **Venven** |
| | Ta’ | Verna |
| | Ta’ | **Vestru / Vestra** |
| | Ta’ | **Vinċenti** |
| W | Tal- | Wajt |
| | Tal- | Wannu |
| | Ta’ | Warda |
| | Ta’ | Webbes |
| | Ta’ | **Wenza** |
| | Ta’ | Wenzula |
| | Tal- | **Weqqu** |
| | Tal- | Werżieq |
| | Ta’ | Werwer |
| | Tal- | Weswes |
| | Tal- | Wi / Wee |
| | Tal- | **Wiżna** |
| | Ta’ | Wiżu |
| | Ta’ | Wiċċ il-Burma |
| | Ta’ | Widna |
| | Tal- | Wirdiena |
| | Tal- | **Wiskes** |
| | Ta’ | Wistina |
| X | Tax- | **Xadina** |
| | Ta’ | Xaft |
| | Tax- | Xama / **Xemgħa** |
| | Tax- | **Xandru** |
| | Ta’ | Xaqq |
| | Ta’ | **Xaqq il-Mejda** |
| | Tax- | Xatba |
| | Tax- | **Xbieki** |
| | Tax- | **Xejka** |
| | Tax- | Xelin |
| | Tax- | **Xeriff** |
| | Tax- | Xewka |
| | Ta’ | Xiber |
| | Ta’ | Xiħa |
| | Ta’ | Xigun |
| | Tax- | Xiroll |
| | Ta’ | Xix |
| | Tax- | Xixona |
| | Ta’ | Xkejjer |
| | Tax- | **Xkora** |
| | Ta’ | Xmun |
| | Ta’ | Xoffa / **Xiffa** |
| | Tax- | Xorb |
| | Tax- | Xott |
| | Ta’ | Xtajla |
| | Tax- | Xugi |
| | Tax- | **Xugi** |
| | Tax- | **Xumajker** |
| | Ta’ | Xummiema |
| | Tax- | Xuxana |
| | Tax- | **Xwieki** |
| Ż | Ta’ | Żażu |
| | Ta’ | **Żabbett** |
| | Taż- | **Żabdi** |
| | Taż- | Żajbar |
| | Ta’ | **Żakkew** / Żekkew |
| | Taż- | Żambarett |
| | Taż- | Żamboqq |
| | Taż- | Żambu |
| | Taż- | **Żambura** |
| | Taż- | **Żangura** |
| | Ta’ | Żaqqu Bajda |
| | Ta’ | Żaru |
| | Ta’ | **Żbuba** |
| | Taż- | Żebbuġi |
| | Ta’ | **Żebejtu** |
| | Ta’ | **Żejżuttu** |
| | Taż- | **Żejt** |
| | Iż- | **Żejża** |
| | Ta’ | Żelleġ |
| | Ta’ | Żerli |
| | Ta’ | Żgarina |
| | Ta’ | Żgendu |
| | Taż- | Żibġi / Żibġija |
| | Taż- | **Żiemel** |
| | Taż- | Żikku |
| | Taż- | Żindier |
| | Taż- | **Żirbi** |
| | Ta’ | **Żnajs** |
| | Taż- | Żoqdi |
| | Ta’ | Żoqri |
| | Ta’ | Żralu |
| | Taż- | Żronċ |
| | Taż- | **Żubbaġġ /** Żubbaċċ |
| | Ta’ | Żubbajra / **Żubbajrita** |
| | Ta’ | Żugrugu |
| | Ta’ | Żullita |
| | Taż- | Żunżan |
| | Ta’ | Żura |
| | Taż- | Żurrieqi |
| | Taż- | Żuż |
| | Taż- | **Żwejt** |
| | Taż- | **Żwiet** |
| Z | Taz- | Zagugu |
| | Ta’ | **Zanzu** |
| | Taz- | **Zazu** |
| | Taz- | **Zelli** |
| | Taz- | **Zenzekk** |
| | Ta’ | **Zezza / Zezzu** |
| | Ta’ | Żgerlinu / Żgerrinu |
| | Ta’ | Zieki |
| | Taz- | Ziki |
| | Taz- | **Zikkilina** |
| | Taz- | Ziku Zikuwa |
| | Taz- | Ziza |
| | Taz- | **Zizzuldi / Zuzzuldi** |
| | Taz- | **Zrutta / Żrutta** |
| | Taz- | **Zumbu** |
| | Taz- | **Zuzza** |

**Ir-Radju tal-Komunità, Każin Banda San Filep jitrasmetti fuq *106.3fm* sa nofs il-lejl ta’ l-10 ta’ Ġunju.**